# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar id-29 ta' Novembru 2021

**Rikors Numru : 290/2021JPG**

**Kawza Numru : 29**

**BH**

**U**

**KH**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' BH u KH, datat 6 ta' Lulju 2021, a fol 1 et seqq tal-proċess, fejn ippremettew hekk:

*Illi l-kontendenti żżewġu fit-2 ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed (2001) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok A u li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni progressiv elf tas-sena elfejn u wieħed (1000/2001);*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz tal-kuntratt ta' firda personali li ġie ppubblikat min-Nutar Katrin Bartolo nhar l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) wara li ġie debitament awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet tat-12 ta' Awwissu tas-sena 2020. Kopja tad-dokumenti kollha msemmija qiegħda tiġi annessa u mmarkata Dok B;*

*Illi kif imsemmi fil-kuntratt ta' firda personali, il-partijiet ilhom jirrisjedu b'mod separat sa minn Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u kwindi 'l fuq minn erba' snin minkejja t-tibdil riċenti fil-liġi li tirregola d-divorzju;*

*Illi l-obbligu tal-manteniment qiegħed jiġi segwit miż-żewġ partijiet u għalhekk m'hemmx pendenzi ta' manteniment dovuti;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni stante illi l-partijiet jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skont kif tirrikjedi l-Liġi u kwindi mhemm l-ebda impediment għall-ħall taż-żwieġ;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet skond l-artikolu 66D tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi odjerni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda moghtija bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66 D tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

BH xehed (fol 29) li huwa zzewweg lil KH nhar it-2 ta' Lulju 2001 wara li ltaqghu tramite l-internet u kien mar jiltaqa' maghha r-R. Sussegwentement l-intimata akkompanjatu lura Malta u bdew jirrisjedu flimkien. Jghid li l-partijiet isseparaw permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Katrin Bartolo ppublikat fl-1 ta' Settembru 2020. Xehed li minn dan iż-żwieġ twieldu zewgt itfal wiehed maggorenni u l-iehor minorenni. Jikkonferma li l-hlas tal-manteniment dejjem sar u li ma ebda arretrati ta' manteniment. Jiddikjara li bdew jghixu hajja separata sa mis-sena 2017, ferm qabel gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni u li ma hemm ebda lok ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

KHs xehdet (Fol 30) u kkorroborat ma' dak li xehed zewgha.

Rat in-nota kongunta tal-partijiet (Fol 28) fejn iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi xi jressqu u ghalhekk stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' Lulju 2001, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1000/2001 (vide Dok A), certifikat taz-zwieg, a fol 3; u li minn dan

iz-zwieg twieldu zewgt itfal, wiehed maggorenni u l-iehor ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar l-1 ta' Settembru 2020 fl-atti tan-Nutar Katrin Bartolo (vide Dok B, a fol 6 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ipprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1000/2001 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**